MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-9 ta' April, 2010

Numru. 897/2005

Il-Pulizija
(Sp Priscilla Caruana)
vs
Carmel Bondin, iben Gerald, imwieled Pieta' fis-7 ta' Jannar, 1964, Karta ta' l-Identita numru 53264(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli ġewwa Ħal-Far fil-21 ta' April, 2004 bejn it-8.00 a.m. u l-12.00 p.m. bil-ħsieb li jikkometti serq minn fabbrika HF26, wera dan il-ħsieb billi b'atti esterni ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, liema serq li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur (li jeċċedi l-elf lira maltin) u bil-lok.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Settembru, 2007 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

a. fl-artikoli 41(1)(a), 261(b)(ċ)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269(ċ)(d), 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;

b. fl-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali;

c. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Mejju, 2009 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti mingħajr wieħed ma joqgħod itawwal ma jwasslu f'ebda mod għall-ħtija ta' l-imputat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------